4. L-impjegati responsabbli għal spezzjoni għandu jkollhom:

— taħriġ tekniku u professjonali tajjeb,

— konoxxenza sodisfaċenti tar-rekwiżiti tat-testijiet li jagħmlu u esperjenza xierqa ta' dawn it-testijiet,

— il-kapaċità li jiktbu ċertifikati, rekords u rapporti meħtieġa biex jawtentikaw it-twettiq tat-testijiet.

5. L-imparzjalità ta' l-impjegati li jagħmlu l-ispezzjoni għandha tkun garantita. Il-ħlas tagħhom m'għandux jiddependi min-numru ta' testijiet li jagħmlu jew mir-riżultati ta' dawn it-testijiet.

6. Il-korp għandu jkollu assigurazzjoni ċivili ta' responsabbiltà sakemm l-Istat ma jassumix ir-responsabbiltà tiegħu skond il-liġi nazzjonali, jew l-Istat Membru stess ikun direttament responsabbli għat-testijiet.

7. L-impjegati tal-korp għandhom ikunu obbligati josservaw is-segretezza professjonali rigward l-informazzjoni kollha li jakkwistaw waqt il-kompiti tagħhom (minbarra *vis-à-vis* l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' l-Istat fejn isiru l-attivitajiet tagħhom) taħt din id-Direttiva jew kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tagħtiha effett.

ANNESS IV

IL-MARKA TA' KONFORMITÀ

Il-marka ta' konformità *CE* għandha tikkonsisti mill-inizjali "CE" bil-forma li ġejja:

Jekk il-marka tiċċekken jew titkabbar, il-proporzjonijiet mogħtija fit-tpinġija iggradata li tidher hawn fuq trid tiġi rispettata.

P6_TA(2006)0516

Is-sistema Ewropea ta' l-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea ta' l-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (COM(2006)0011 — C6-0024/2006 — 2006/0004(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006) 0011) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0024/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0324/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.